Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 359/2016

Il-Pulizja

Vs

John Debono

Illum 11 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat John Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 774352 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Dicembru, 2015 u Jannar 2016:

> Naqas li jaghti lil Carmela Xerri, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hat ital-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbin ta' htija, thassar u tirrevoka dik il-piena nflitta ghal wahda iktar idonea li tkun ekwa u gusta fic-cirkustanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

L-Aggravji

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti in kwantu l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

- Illi l-appellanti qatt ma kellhu xi intenzjoni li jinjora xi ordni ta' Qorti kompetenti skond il-Ligi u n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment irrizulta mill-fatt li hu anzjan, marid, li ghandu diffikultajiet kbar fizici kemm f' ghajnejh u kif ukoll fil-mobilita' tieghu. Tant hu hekk, li l-appellanti

ghandu bzonn ghajnuna kontinwa mill-familjari tieghu biex sempliciment jaqdi l-bzonnijiet tieghu ta' kuljum. Aktar minn hekk, l-appellanti ghandu diffikultajiet finanzjarji kbar, tant li hu jghix fi stat mizerabbli u ghalhekk finanzjarjament ma felahx ihallas dan il-manteniment dovut.

- Illi, fl-umli fehma tal-appellant, meta l-Ewwel Qorti giet biex timponi l-piena, fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, hija naqset li tikkonsidra li l-appellant ibghati minn dawn il-problemi hekk imsemmija. Ghalkemm setghet tara b' ghajnejha l-istat mizeru li jinsab fih l-appellant, kemm dak finanzjarju minhabba li hu jiddependi biss fuq l-assistenza socjali, iktar u iktar injorat l-istat ta' sahha tieghu, li tagbmilha impossibli ghalih biex b' xi mod dan jiggenera xi tip ta' introjtu sabiex ihallas il-manteniment.

- Illi hija l-fehma umli tal-appelant li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni kienet wahda eccessiva ghal-ahhar u xejn idonea, dan fid-dawl tal-fatt li l-appellant ma jiflahx jimxi iktar minn tul ta' xi ftit metri, u dan bl-ghajnuna ta' bastun, aktar u aktar meta tqis li gie kkundannat xahar detenzjoni! Ghaldaqstant, il-piena inflitta qatt ma tista' twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa.

Ikkunsidrat,

Illi llum seduta stante l-parte civile iddikjarat illi hija thallset il-manteniment kollu dovut f'din il-pendenza. Illi ghalkemm xorta wahda tirrizulta r-reita, madanakollu fid-dawl tac-cirkostanzi fejn il-partijiet issa ssorvolaw id-divergenzi ta' bejniehtom, hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-

konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar prigunerija u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima LL.D

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur